IL-VINKULARI

2

# IL-MUFTIEĦ TAL-PASSAT

SIMONE SPITERI

illustrazzjonijiet ta'

Moira Scicluna Zahra

merlin

## kapitlu 1



# Buri

Maia rasset għajn m'għajn bi ftit iktar saħħa, u għoddha ħaffret toqba b'rasha fl-imħadda, hekk kif minn isfel telgħet l-għajta eżasperata tal-papà, "Maaaaaia!" Xi l-għaxar waħda infila.

"Ijaaaaa, ejja Maia ħiiiii għax qed jistennewk!"

Mal-ħoss irritanti ta' karozza startjata żdied dak tal-ħorn, li kieku seta' jitkellem kien jibgħatha tixxejjer.

It-tifla ma tħarrkitx, qisu xi ħadd għafas il-freeze button fuqha. Pixie l-qattusa kienet rieqda maġenbha (rieqda ta' vera — mhux taparsi bħal Maia) b'żaqqha tielgħa u nieżla bis-slow motion.

Nifs twil tal-papà qabel ma jisplodi qisu vulkan, u minn bejn is-snien mheżża:

"Maaaaaaaia! Tħallinix nitla' fuq!!!!!"

Xejn.

Imbagħad ftit sekondi ta' silenzju, ħlief għall-kompetizzjoni għaddejja bejn it-tħarħir tal-karozza barra u n-nifsijiet drammatiċi ta' Pixie. Rutina tas-sajf kienet saret din ... u kienet dejjem tispiċċa bl-istess mod.

... Seba' sekondi skiet ... tmienja ... disgħa ... għaxra ...

"Ok m'hemmx scouts u m'hemmx tablet! *INSA!!*"

U bħas-soltu, qisha reċta li tittella' darba wara l-oħra, Maia tkaxkret mis-sodda u bis-suppervja niżlet it-taraġ issabbat saqajha tarġa tarġa.

*ĊBLUMMM!* Il-bieb ta' barra.

"Dejjem l-istess santissma ħaġa," żarrat il-papà minn taħt l-ilsien hekk kif sabbat bieba ta' cupboard tal-kċina u nfexx mat-twaġen.

U minn taħt il-friex tas-sodda għaż-żiffa ħelwa ta' Settembru, "Miaaaaaoooo" xejn impressjonata ħarġet minn ħalq Pixie, li bexxqet għajn waħda biex tiċċekkja li s-sinjorina Maia kienet ħallietha bi kwietha, fl-aħħar, u marret tagħmel ix-xenati band'oħra. Reġgħet meddet rasha fuq is-saqqu eżatt fil-ħin li, minn barra, instema' l-ħoss tat-tisbita tal-

bieba tal-karozza li fiha kien hemm il-mamà u Alex jistennewha.

Din l-orkestra ta' tisbit u nfiħ kienet saret xi ħaġa regolari das-sajf. Kull darba li jkun imiss li jmorru ġurnata għand il-mamà, Maia kienet issib kull skuża immaġinabbli biex ma tmurx. U issa li l-vaganzi kienu kważi spiċċaw, il-ħażna tal-iskużi kienet kważi spiċċat ukoll. Daqqa rasha tuġagħha (skuża li kellha taqta' għax heddewha li se joħduha għand it-tabib); daqqa għax trid tnaddaf il-kamra (*liema* tifla ta' tnax-il sena qatt ħadet gost tnaddafha?!); għax tilfet ktieb li riedet tfittex; kellha crafts li riedet tispiċċa; Pixie ma riditx toqgħod waħedha (ħarsa waħda kerha m'għand il-qattusa u din ma reġgħetx semmietha!). Insomma, daqqa ħaġa u daqqa oħra. Kull skuża kienet tajba biex tipprova ma tmurx.

Imma minn dawn l-iskużi kollha, ħadd ma kien emmen imqar waħda għax kulħadd kien jaf dax-xenati kollha għala kienet qed tagħmilhom. Fix-xitwa l-mamà kienet qaltilhom li għandha boyfriend.

Is-sena skolastika kienet bdiet b'mod eċċellenti s-sena ta' qabel. Wara s-sajf indimentikabbli li fih Maia u Alex kienu skoprew li huma Vinkulari u

marru fuq l-ewwel missjoni tagħhom fl-1942, it-tfal daħlu għall-ewwel sena tas-sekondarja b'ħafna entużjażmu. Ma setgħu jgħidu lil ħadd dwar dak li kien ġara, imma dan xorta ma neħħa xejn mill-fatt li kienu jħossuhom *speċjali*. Kienet messithom xorti li (minkejja l-perikli u r-riskji) l-ebda student jew studenta fil-klassi tagħhom ma setgħu qatt jimmaġinaw. U huma wara kollox kienu speċjali *d-doppju* għax, fejn is-soltu l-Vinkular kien jeħtieġlu jġorr il-piż (u l-eċitament) tal-irwol tiegħu waħdu, huma kellhom lil xulxin!

Tewmin li jsiru Vjaġġaturi taż-Żmien kienet xi ħaġa rarissma … imma Maia u Alex tewmin ma kinux. Kienu kuġini, tfal ta' aħwa tewmin: il-papà Peter li kien missier Alex, u missier Maia, John, li kien miet f'inċident flimkien ma' martu meta Maia kellha biss ftit ġimgħat. Peter kien rabba lil Maia qisha bintu, u lilu u lil martu (li kienu sseparaw ftit iktar minn sena ilu) kienet issejħilhom papà u mamà waqt li lill-ġenituri tagħha, li ma kinitx tiftakar, kienet tirreferi għalihom bħala l-mummy u d-daddy.

Il-missirijiet tat-tfal, it-tewmin John u Peter, kienu l-Vinkulari ta' qabilhom f'lista twila ta' antenati li għal sekli twal kienu l-Vjaġġaturi u Protetturi taż-Żmien tal-gżejjer Maltin. Alex u Maia

kienu twieldu fl-istess ħin, preċiż fl-istess ġurnata … "kuġini-tewmin". Minħabba li John u Peter kienu awtomatikament saru Vinkulari flimkien għax kienu tewmin tal-Vinkular ta' qabilhom (in-nanna Beatrice), teknikament l-irwol kellu jgħaddi għand min minnhom l-ewwel ikollu t-tfal. Jew liema wild jitwieled l-ewwel. Imma Maia u Alex kienu verament twieldu fl-istess ħin, u wara ħafna diskussjonijiet li kienu saru, anki mal-kbarat fid-Dipartiment tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali tal-Vinkulari, kien ġie deċiż li ż-żewġt itfal jirtu l-irwol tal-Vinkulari flimkien. Wara kollox xi ħaġa bħal din ma kienet qatt ġrat fid-dinja tal-Vinkulari. Imkien.

Meta l-papà kien spjegahielhom is-sajf ta' qabel, u anki fix-xhur ta' wara l-ewwel missjoni li kellhom, għall-ewwel it-tfal ma ħasbux wisq dwarha. Iżda malajr kienu rrealizzaw li każ rari bħal tagħhom kien jiġbed l-attenzjoni, fid-dinja sigrieta tal-Vinkulari għall-inqas.

Matul dik is-sena kienu ħafna l-ħbieb barranin, kittieba u storiċi tal-vinkulazzjoni, bloggers ta' siti online u kuntatti tal-papà mid-dinja internazzjonali tal-Vinkulari li kienu kkuntattjawh biex jistaqsuh iktar dwar dawn iż-żewġt itfal li kienu għadhom kif ikkonkludew l-ewwel missjoni tagħhom. It-

telefown tad-dar u l-mowbajl tal-papà kien daqq ħafna drabi, b'vuċijiet jitkellmu Ingliż b'aċċenti differenti fuq in-naħa l-oħra tal-linja jistaqsu għalih. Darba rrisponda Alex u kien ġa qabad ilablab ma' Helmut Markusson, storiku tal-vinkulazzjoni famuż mill-Iżvezja, qabel ma l-papà ħataflu t-telefown minn idu u qallu biex idabbar rasu 'l fuq.

Maia u Alex: il-kuġini-tewmin ... *famużi?!*

Din il-biċċa vera kienet eċitathom; il-papà però malajr tajrilhom kull ambizzjoni ta' popolarità li seta' kellhom għax qisu ma kienx interessat wisq f'din il-kurżità kollha li d-dinja tal-Vinkulari kellha fihom. Anki ma' kollegi Vinkulari barranin kien jaqta' fil-qasir meta l-kliem jiġi fuq it-tfal. L-unika darba li kien aċċetta li jinkludihom f'xi ħaġa marbuta mad-dinja tal-Vinkulari kienet ritratt wieħed tagħhom it-tlieta flimkien li kien deher f'*Rewind:* rivista li kienet toħroġ darbtejn f'sena għal u mill-komunità Vinkulara dwar diversi aspetti tax-xogħol u l-univers tagħhom. Kienet intervista mal-papà dwar l-Istorja ta' Malta u Għawdex, u xogħlu bħala storiku u Protettur tal-Kollezzjoni tal-Oġġetti Maltin. L-artiklu kien akkumpanjat minn ritratt tagħhom flimkien fil-librerija tal-papà. U xorta waħda fl-artiklu ma kienx tkellem dwarhom.

L-unika referenza għalihom kienet fil-caption taħt ir-ritratt li kienet tgħid:

*Peter Penza flimkien ma' wliedu Maia u Alex,*
*Malta 2017*

Mill-bqija daqshekk. U meta darba Alex azzarda staqsieh għaliex kien irrifjuta li jirrispondi mistoqsijiet dwarhom, il-papà kien irrispondieh b'"Għax mhux affarihom," xotta xotta.

Imma s-sena skolastika, minkejja l-bidu promettenti tagħha (skola, ħbieb, suġġetti ġodda, il-missjoni li kienet għadha kif intemmet), ma damitx wisq ma bdiet tiddeġenera — għal Maia.

Għall-ħabta tal-Milied il-mamà kienet ħadithom Christmas Village fejn (mhux soltu!) ħalliethom jixtru kull hot chocolate li felħu jiffangaw fih, iġibu t-tablet magħhom (regola sagrosanta miksura għall-ewwel darba fil-ħajja tat-tfal) u wara film tal-Milied li raw iċ-ċinema oħroġ il-għaġeb ... marru McDonald's! Xi ħaġa li l-mamà kienet normalment tistkerrah minkejja t-talbiet (inutli) tagħhom biex imorru. Alex, probabbli anki bis-saħħa tal-ammont ta' zokkor li kellu jiġri f'ġismu, m'għokritux għajnu bl-imġiba mhix tas-soltu tal-mamà. Kien f'dagħdigħa ta' gost li kien qed jipprova jieħu kemm

jiflaħ minnu qabel ma l-mamà terġa' tiġi f'tagħha u tiftakar ir-regoli tas-soltu.

Maia, però, xammet xi ħaġa tinten. U meta, bejn gidma burger u oħra, il-mamà każwalment semmitilhom li kienet xtrat il-biljetti tal-pantomima li kienu jħobbu jmorru jaraw kull sena, żerżqet ukoll li l-"ħabib" tagħha Gavin kien ġej magħhom.

Maia ffriżat b'nofs ċipsa ġo ħalqha migduma, waqt li ħuġbejha sparixxew taħt il-frenża. Alex lanqas biss kien semagħha din l-aħħar biċċa informazzjoni u kien għadu qed jara kif se jirnexxilu jbill sitt ċipsiet fl-istess ħin ġo biċċa bieqja daqs nitfa mimlija ketchup.

"Dan il-boyfriend?" sparat Maia qisha kanun li beżaq balla.

Il-mamà għoddha xerqet fil-ħassa tal-insalata li kienet qed tiekol u għal mument li nħass twil immens tilfet ilsienha. Bdiet tpetpet għajnejha qisha traffic lights meta jeħlu fuq l-isfar. Imbagħad, b'Maia għadha qed tħares lejha, għajnejha jtajru l-ġamar tan-nar, u Alex iħares lejha b'ħalqu miftuħ jipprova jgħaqqad il-jigsaw puzzle li kienet għadha kif splodiet f'wiċċu qisha bomba, il-mamà qaħqħet tnejn. Kienet skomda immens u mhix ippreparata għal din il-konverżazzjoni—li kienet ittamat li

fadlilha ftit ieħor biex tasal.

"Iva, Maia. Jien u ... Gavin ... ħbieb ... speċjali ..."

"Boyfriend," waddbitilha vleġġa t-tifla.

"Em ... ara ... proprjament ... inqattgħu ħafna ħin flim— dawn l-affarijiet bil-mod ... bdejna niltaqgħu ftit iktar spiss dan l-aħħar u ħassejt li wasal iż-żmien li ... ara ... meta żewġ adulti jkunu ħbieb ħafn—"

"Eħe ... ħbieb?" interrogat sarkastikament it-tifla, imneħirha mxammar qisha għadha kif xammet par kalzetti jintnu.

"Trid tkun ħbieb l-ewwe—" temtmet il-mamà, l-għaraq qed ixoqq għaliha.

"Tajtu bewsa?" reġgħet sparat bla ħniena Maia, xufftejha miġbudin f'linja dritta.

Il-mamà ħmaret qisha bozza ħa tisplodi.

"Boyfriend, mela," ikkonkludiet Maia b'vuċi kalma, iddiżgustata u rebbieħa fl-istess ħin. U b'mossa finali mbuttat it-tray bl-ikel quddiemha għan-nofs tal-mejda: sinjal ta' xi ħadd li ddeċieda li l-konverżazzjoni (u l-ikla) kienet spiċċat.

Minn dakinhar 'l hawn Maia nbidlet mil-lejl għan-nhar. Iktar bil-buri milli le, bdiet tmur lura fil-marki l-iskola u darba minnhom il-form teacher ċemplet tgħid lill-mamà u 'l-papà li kienet qed tqatta' breaks waħedha. Issa jaħasra dan Gavin kien raġel vera kwiet u edukat, u kien jirrispettaha ħafna

lill-mamà. Imma Maia ma riditx taf, u meta darba daħlet fis-salott tal-mamà u sabet lil Alex jilgħab il-PlayStation ma' Gavin għamlet ġimgħa ma tkellmux.

U issa s-sajf kien wasal fl-aħħar u Maia kienet qed tqatta' iktar ħin fil-kamra tagħha waħedha milli mhux. Is-sajf kienu qattgħuh bl-attivitajiet tassoltu: baħar, festi, ġelati, iżuru lin-nanniet, vjaġġ sa Ruma mal-papà, weekend Għawdex mal-mamà (fejn f'ħajja t'Alla Gavin kien imsiefer fuq xogħol u ma ġiex!). Imma fuq moħħ Maia kien hemm ħaġa waħda biss ... il-vjaġġ fil-passat li jmiss kien disat ijiem bogħod. Il-wieħed u għoxrin ta' Settembru kienet ilha tistennieh xhur sħaħ. Mhux biss għax kienu ilhom sena li marru lura fl-1942, imma anki għax din id-darba Maia kienet se tkun hi li tagħżel l-oġġett li bih jivvjaġġaw lura — l-ewwel darba kienet ħalliet lil Alex jagħżel il-plattini, mela issa kien imiss lilha.

Matul dik is-sena kienu niżlu spiss mal-papà fil-librerija sigrieta taħt id-dar tagħhom, fejn kien dejjem jintroduċihom għal xi ħaġa ġdida fid-dinja tal-Vinkulari b'ħafna dettall u entużjażmu. U kull darba li jkunu hemm, Maia kienet tnemmes kemm tiflaħ il-fillieri ma jispiċċaw qatt ta' xkafef mimlija oġġetti li kienu vvjaġġaw hawn mill-passat. Dik is-

sena, għall-ewwel darba, Maia u Alex kienu niżlu jaraw il-wasla tal-oġġetti ġodda waqt l-ekwinozju tal-21 ta' Marzu. Avveniment maġiku u mdawwal mid-dija ħierġa mill-garżelli vojta jwelldu oġġetti ġodda ġo fihom, li min jaf minn liema sena u avveniment storiku Malti jew Għawdxi kienu ġejjin. Il-papà kien qatta' ħafna ġranet wara janalizza, jikkataloga u jikteb rapporti fil-kotba ħoxnin li kellu, sabiex ikollu rendikont dettaljat tal-aħħar oġġetti ġodda fil-kollezzjoni. Tant kien hemm affarijiet interessanti li Maia kienet għadha ma tafx x'se tagħżel!

Għall-ħabta tal-ħamsa, Maia u Alex waslu lura m'għand il-mamà. Il-papà kien qed jistenniehom bi platt tortellini kif kienu jħobbu huma. Maia belgħetu f'ħin rekord u lebbtet 'il fuq lejn kamritha. Hemm sabet lil Pixie mixħuta fuq is-sodda, tberraq għajnejha lejn il-ħajt mimli posters ta' kantanti, films u mapep tal-kostellazzjonijiet li Maia kienet qattgħat sajf twaħħal bil-Blu Tack.

Għalqet il-bieb warajha u qabżet għal fuq is-sodda li, bl-immullar tal-piż tat-tifla, għolliet lil Pixie nofs metru fl-arja.

*Miiiiiiiaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaao Mela QedTiġġennen!*

"U ajma x'int għaġeb, Pix!" daħqet it-tifla — l-ewwel speċi ta' tbissima tal-ġurnata. "Ejja ħa nfissdek ftit!"

Imma l-qattusa ma riditx terġa' tissogra ħajjitha u baqgħet tgemgem u tberraq għajnejha minn taħt l-iskrivanija fejn kienet marret issib refuġju mis-salvaġiżmu ta' Maia.

"Oqgħod mela!" qaltilha, u tħaxknet ftit iktar qalb l-imħaded ħa ssib pożizzjoni komda biex tkompli taqra *Vinculation across the World.* Ktieb dwar it-tradizzjonijiet differenti tal-Vinkulari u l-vinkulazzjoni f'kull pajjiż tad-dinja li kien xtralha l-papà għall-birthday.

Eżatt dak il-ħin, leħħa ta' berqa xegħlet il-kamra u għal mument Maia nħasdet. Ix-xita? Ittawlet mit-tieqa u mhux bogħod wisq rat sħaba tqila u sewda tteptep riesqa lejhom bil-mod. L-ewwel maltempata tal-aħħar tas-sajf kienet waslet. Kienu ilhom jgħidu (u ma jaqtgħux) tar-rapport tat-temp … irnexxielhom iġibu waħda tajba fl-aħħar!

It-tifla ma tatx wisq kas iktar u reġgħet tgeddset fuq is-sodda u ntilfet fil-ktieb. Matul dik is-sena Maia kienet xorbot kull ħaġa li sabet taħt idejha

b'informazzjoni dwar il-Vinkulari ... u ma kinitx iddiżappuntat ruħha! Kien hemm eluf ta' kotba, ippubblikati b'mod sigriet, li setgħet taqra u li l-papà kien jordnalha minn sit apposta (mhux pubbliku — għal raġunijiet ovvji).

Ix-xita issa kienet qed tqattar b'ċerta insistenza, u wara ftit minuti t-tifla qamet tagħlaq it-tieqa, biex id-dulluvju li kien qed jinġema' barra ma jxarrabx il-ħoġor tat-tieqa u l-affarijiet fuq l-iskrivanija ta' taħtha. Pixie kienet ilha li dabbret rasha xi mkien inqas espost u mxarrab. Sajjetta faqqgħet qisha trid taqsam is-sema u Maia waqfet ftit quddiem it-tieqa, tħares lejn dik il-purtiera xita li issa kienet nieżla bil-qliel. Miskin min jinqabad fiha maltempata bħal din!

Ma laħqitx temmet dan il-ħsieb li ma semgħetx ħoss ta' taħbita fuq il-bieb ta' barra. It-tifla waqfet, mhix ċerta semgħetx sew. Forsi mhux il-bieb kien, imma waqgħet xi ħaġa fuq il-bejt? Ikkonċentrat ftit iktar ... xejn. Kienet immaġinatha, mela. U reġgħet imxiet lejn is-sodda lesta biex tintefa' —

*BUMM BUMM BUMM!*

Reġa'! Mela sew semgħet. L-ebda ħoss mill-papà u Alex però. Possibbli hi biss kienet semgħet it-taħbita?

*BUMM! BUMM! BUMM!* B'iktar insistenza.

Min ix-xjafek ħareġ f'din ix-xita? Ma kienu qed jistennew lil ħadd.

*BUMM! BUMM! BUMM!*

"Paaaaaaaaaa!" għajtet. Imma minnufih ftakret li kien qalilhom li wara l-ikel kien se jinżel sas-Sala tal-Oġġetti. Minn hemm taħt ma kien se jisma' xejn żgur. U Alex fejn hu? Ħarġet fil-kuritur u ttawlet sat-tarf l-ieħor lejn il-bieb tal-kamra tiegħu. Dlam. Ħarset in-naħa l-oħra u minn wara l-ħġieġ tal-bieb tal-kamra tal-banju mdawwal bl-isfar tal-bozza, semgħet il-ħoss qawwi tal-ilma tax-shower nieżel. Alex kien qed jinħasel mela, għalhekk lanqas hu ma sema' xejn.

*BUMM! BUMM! BUMM! BUUUUUUUUUUMM!*

"Ħa jkolli ninżel jien mela, Pix," gergret Maia lill-qattusa li, ta' defsa li hi, kienet reġgħet tfaċċat biex tindaga x'kien qed jiġri.

U bdiet nieżla t-taraġ mudlam, li kull ftit sekondi kien qed jixgħel f'salt ma' kull berqa li bdiet taħsad kemm lilha kemm lill-qattusa. Wara l-ħġieġ ikkuskjat tal-bieb ta' barra setgħet tara d-dell ta' xi ħadd li kien għadu qed iħabbat insistentement. Maia qisha qabditha ftit suġġizzjoni u biża' ... min seta' kien? Tgħid tiftaħ?

*BUMM! BUMM! BUMM!*

Ressqet idha bil-galbu lejn il-pum u ħadet nifs qabel ġibditu lejha.

Żaqżiqa ma tispiċċa qatt u —

— eżatt mal-mument li l-bieb infetaħ, seħħew ħafna affarijiet f'salt: is-silwett ta' ġgant (ma kienx hemm kelma oħra biex tiddeskrivih) tfaċċa quddiemha, sajjetta enormi sserrpet fis-sema ta' warajh u xegħlet il-madwar, buffura riħ beżqet litru ilma fl-intrata tad-dar u ħaslet lil Maia u 'l-qattusa, Pixie newħet waħda mwerżqa qisha rat ruħ u vuċi tirbombja iktar mis-sajjetti kollha li kienu faqqgħu s'issa għajtet bla sabar:

"Dios mío! Por qué tardaste tanto?!"